# San Ġorġ Preca u l-Ħamrun fl-Imgħoddi

Minn *Eric Montfort*

Meta San Ġorġ beda l-missjoni tiegħu, is-sitwazzjoni f'Malta ma kinitx wisq feliċi. Kienu żminijiet fejn Malta kienet għaddejja minn moviment li ried iktar drittijiet għall-Maltin, dak iż-żmien, parti mill-imperu Brittaniku, u bażi strateġika immens. Kien ukoll żmien fejn dan il-moviment qawwi Malti favur iktar drittijiet għall-Maltin, ra bidliet importanti ħafna fi ħdanu. Kien hemm l-ewwel il-preżenza ta' Fortunato Mizzi, warajh laħqu politikanti oħra kbar bħal Sir Ugo Mifsud, Erico Mizzi, u Francesco Azzopardi. Kien hemm ukoll moviment li ried li jingħata iktar importanza lill-ilsien Maltin, immexxi minn William Savona. Kienu movimenti li b'xi mod jew ieħor sawru dak li kellu jiġri tul is-seklu li għadda f'pajjiżna, għax spiċċaw biex evolvew fiż-żewġ partiti l-kbar li għandna llum il-ġurnata. Kien hemm fehmiet differenti imma l-aċċenn kien li l-Maltin jingħataw iktar drittijiet. Il-kwistjoni kienet kif?

Malta f'dak iż-żmien kienet qed tara b'għajnejha gwerra kbira, mifruxa madwar l-Ewropa kollha. Kienet l-Ewwel Gwerra Dinjija, li fiha mietu eluf kbar ta' nies, fi trinek, kif ukoll waqt attakki li saru bil-kavallerija u bit-tankijiet tal-gwerra fl-1916. Kienet gwerra li faqqgħet għax kien hemm interessi mill-Imperi l-kbar ta' dak iż-żmien fuq l-isferi tal-influwenza fost dawn l-istess imperi. Kien hemm artijiet li riedu jinqatgħu għal kollox mill-Imperu Tork Ottoman u kienet gwerra mimlija dmija u ħafna ħela, sabiex nikkwota titolu ta' sensiela ta' programmi li ttellgħu permezz ta' Campus FM is-sena l-oħra. Malta gawdiet sa ċertu punt minn din il-gwerra. Minkejja li konna kolonja, il-gwerra ma laqtitniex daqshekk. L-ewwelnett Malta ma ħaditx sehem dirett. Konna 'l bogħod miċ-ċentru tal-battalja mdemmija li kienu qed iseħħu fil-Belġju, l-Olanda, Franza u l-Ġermanja. Malta iktar serviet bħala ċentru ta' trasbord u ta' ospitalità



għall-imsejkna suldati u baħrin, li kienu involuti fil-kampanja ta' Gallipoli, fost attivitajiet oħra li seħħu f'din il-gwerra. Ftit kienu l-Maltin li ħadu sehem direttament f'din il-gwerra. Jien niftakar lin-nannu tiegħi jgħidli li kien riserv fl-armata fil-kampanja li l-Alleati għamlu fil-Bulgarija, b'waqfa fl-Italja, dak iż-żmien l-alleata tal-Ingilterra u Franza. Wara l-gwerra Malta ħabbtet wiċċha ma' problemi ta' qagħad, għoli tal-ħajja, u dawn il-fatturi, flimkien ma nuqqas ta' rappreżentanza xierqa tal-Maltin, wassal għall-irvelli tas-Sette Giungno tal-1919. Kienu żminijiet iebsin ħafna u seħħet l-emigrazzjoni, l-iktar lejn l-Istati Uniti.

Mill-aspett morali, il-qagħda ma kinitx daqshekk inkoraġġanti wkoll. Minkejja li kien hemm ħafna devozzjoni u fl-1913, seħħ ukoll Kungress Ewkaristiku kbir, kien hemm ukoll kurrenti li kienu qed iqanqlu d-dubju fil-fidi tan-nies. Din ma kinitx xi ħaġa kompletament ġdida għall-Malta. Fl-aħħar żmien tal-Kavallieri f'Malta, il-Moviment tal-Illuminati, li kien influwenzat ħafna mill-ħsibijiet ta' Rousseau u Voltaire u eventwalment ir-Rivoluzzjoni Franċiża kien rabba ċertu għeruq fost il-Maltin. Fl-istess żminijiet tal-politiċi li semmejt iktar kmieni, kien hemm ukoll Manwel Dimech. Dan ma kienx politiku kif nafuh, imma iktar ħassieb. Kien persuna li eduka ruħu meta kien il-ħabs, u tgħallem bosta lingwi, u qara fil-fond. Huwa wkoll ried li Malta jkollha rajha f'idejha u ma kienx kuntent għall-aħħar bil-mod kif l-Ingliżi kienu qed imexxuna. Iżda,

barra minn hekk, Manwel Dimech kellu wkoll viżjoni għal Malta. Fi żmien meta t-turiżmu ma kienx jeżisti f'pajjiżna, huwa ra li Malta setgħet tiżviluppa din l-industrija, fuq l-istess binarji ta' San Romeo, fin-naħa ta' Fuq tal-Italja, u li dak iż-żmien, iktar minn 100 sena ilu, kien diġà magħruf bħala ċentru turistiku. Ra wkoll il-potenzjal ta' pajjiżna bħala post għall-manifattura tat-tessuti, u ried li jara poplu iktar edukat. Kien ukoll imħasseb ħafna fuq il-parrokjaliżmu żejjed li kellna f'pajjiżna. Dan huwa kollu tajjeb fih innifsu u ċertu ħsibijiet u tħassib illum il-ġurnata qed jirriflettuh l-istess awtoritajiet tal-Kurja ta' Malta u t'Għawdex. Iżda, Dimech, imbagħad kien żbalja, meta qal li wieħed jista' jadura lil Adonai (il-Mulej) fuq l-għolja u m'hemmx bżonn fil-knisja. Ir-relazzjonijiet tiegħu mal-knisja ma kinitx daqshekk tajba u minħabba f'hekk fost affarijiet oħra, huwa spiċċa skomunikat mill-Knisja Kattolika Maltija.

Kif jinkwadra ruħu l-Ħamrun f'dan iż-żmien, fejn San Ġorġ Preca kien għaddej, u jsib ħafna għawġ fil-ħidma tiegħu? Preca kien ukoll rivoluzzjonarju b'mod ieħor. Dak iż-żmien kien konxju tal-apatija li kien hemm fost il-Maltin fejn jidħol it-tagħlim reliġjuż. Devozzjoni kien hemm, u żgur li ma kienx hemm l-ammont ta' nies li ma jmorrux quddies, lanqas biss il-Ħadd, kif għandna llum, u dan inkluż fil-Parroċċa tagħna. Kien hemm ċertu aljenazzjonijiet, forsi, minħabba l-qagħda soċjali u t-tensjonijiet li kien hemm f'pajjiżna. Barra minn hekk il-Ħamrun kien għaddej minn bidliet kbar ħafna dak iż-żmien. L-iżvilupp industrijali li seħħ fl-aħħar snin tas-seklu 19 u l-ewwel snin tas-seklu 20 ġab bidliet kbar fl-inħawi tal-Belt Kapitali Maltija. Il-popolazzjoni fil-Belt kompliet tiżdied u nies bħal Manwel Dimech, fi tfulithom, kienu jgħixu fi djar żgħar, drabi kamra waħda biss, b'familji ta' għaxart itfal. Fil-Ħamrun is-sitwazzjoni ma kinitx wisq differenti. Dak iż-żmien iċ-ċentru kien iżgħar u 'marsus', fis-sens li l-inħawi tal-parroċċa tal-kunċizzjoni u ta' Gwardamanġa kienu ftit li xejn mibnija. Lil hinn Triq Ċensu Bugeja, partijiet minn Victoria Avenue (illum Triq Ġużè Pace) u Triq Barth, kien hemm iktar għelieqi. Anke l-faċċata tal-Knisja Parrokkjali ta' San

Gejtanu, kien hemm għalqa u din matul il-festa mhux l-ewwel darba li kienet timtela' bl-imwejjed. Ħwienet tax-xorb kien hemm ukoll u għalkemm ma kienx hawn il-ħwienet tal-logħob li nsibu llum (inkluż sfortunatament u ironikament fejn kien jgħix San Ġorg Preca) xorta waħda l-logħob tal-azzard kien ikun hemm, kif kien hemm ukoll nies notorji, u xi ħaġa bħal din mhix sorpriża meta wieħed iqis li l-Ħamrun (kif ukoll il-Marsa) laqa' għandu nies mill-Belt (inkluż il-familja ta' San Ġorġ stess), mis-Siġġiewi, Ħal Qormi u r-Rabat minħabba l-opportunitajiet ta' xogħol li kien hemm fil-Port il-Kbir.

San Ġorġ Preca għaraf jieħu l-isfidi li ra quddiemu u dawwarhom f'opportunitajiet, hekk li per eżempju, mhux l-ewwel darba li kien personalment imur fil-wesgħa msemmija faċċata tal-Knisja ta' San Gejtanu sabiex jiltaqa' personalment man-nies, l-iktar żgħażagħ u jispjegalhom il-kelma t'Alla. Kien konxju mill-injoranza li kien hemm fuq id-duttrina Kattolika, iktar u iktar meta darba sema' s-sagristan jgħid li "Alla sar Waħdu" meta kellu jgħid li "Alla la kellu bidu u lanqas għandu tmiem, u li kien minn dejjem ta' dejjem" - xi ħaġa bażika li nsibu fil-Kredu wara kollox. Fi żmien meta l-komunikazzjoni kienet biss għal min kien litterat u l-illiterati kienu ħafna, San Ġorġ Preca għaraf jagħmel kuntatti tiegħu b'mod personali mal-popolin, u dan minkejja li l-kurja tant opponiet din l-idea rivoluzzjonarja ta' tagħlim għal-lajċi minn nies lajċi, imrobbija u ddixxiplinati fis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija. Iżda huwa qatt ma qata' qalbu u minkejja li kien ukoll imġiegħel jieqaf għal madwar sentejn, huwa obda, ħalla f'idejn il-Mulej u meta reġa' ngħata permess kompla jaħdem bla heda. L-għajnuna li kellu minn Ewġenju Borg, li kien mill-Kotonera, kienet imprezzabbli. Ħafna minn dawk li llum qabżu s-60 sena jiftakru lil dan it-Tarznarju, mill-Isla, jgħallem u jitħallat ma' ħafna Ħamruniżi "ġodda" li kienu ċċaqilqu mill-Kottonera ftit qabel u wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Borg fost dawn in-nies u bil-ħlewwa tiegħu, kompla jagħmel tant ġid u għen ħafna sabiex bosta nies

li kienu diġà jafuh mill-Kottonera, saħħew il-fidi Nisranija tagħhom u taw formazzjoni soda lit-tfal tagħhom.

Ta' min ukoll isemmi tliet aspetti oħra ta' San Ġorġ Preca mal-Ħamrun ta' dawk iż-żminijiet. L-ewwel wieħed jinvolvi l-Kappella tal-Madonna ta' Atoċja magħrufa wkoll bħala tas-Samra, kienet fi stat ta' telqa. Kienet tintefaħ biss darba kull sena, nhar il-15 ta' Awwissu, għall-Festa ta' Marija Assunta. San Ġorġ induna b'din il-qagħda mwergħa u rabat qalbu magħha, tant li ħeġġeġ u qajjem devozzjoni lejn ix-xbieha tal-Madonna tas-Samra, tant li iktar minn 100 sena wara, baqgħet issir quddiesa kuljum, u l-Purċissjoni tal-15 t'Awwisu, li ssir fit-toroq madwar din il-Knisja, għadha tiġbed lejha bosta devoti. San Ġorġ Preca għaraf jagħmel dan grazzi għall-fatt li ta ħafna importanza lejn il-15 ta' kull xahar bħala rispett lejn dan il-misteru, hekk kif għamel fid-devozzjonijiet ta' kull 25 tax-xahar (b'rispett lejn il-Milied) u fit-3 ta' wara nofsinhar ta' kuljum (b'rispett lejn il-Misteru tal-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu). San Ġorġ Preca kellu l-għajnuna tas-Sinjuri Pawlu Mifsud u Ġann Borg li ħabirku kemm felħu biex jerġgħu jqajmu l-kult lejn il-Madonna tas-Samra li fi kliem il-poeta Ġorġ Zammit hija waħda mis-seba' niċeċ fl-għajnja tiegħu. Il-knisja tal-Madonna tas-Samra kien ukoll il-maqdes fejn Monsinjur Delia waqqaf il-Piccolo Clero. Is-Sur Spiru Mangion, li ħalla dan il-wied ta' dmugħ f'Novembru li għadda, kien iħobb jirrakkonta meta huwa kien jifforma parti mill-Piccolo Clero u bħala abbati kien jgħin lil San Ġorġ Preca.

It-tieni aspett jinvolvi l-fatt li fiż-żmien tas-snin 30 tas-seklu li għadda, meta s-Soċjetà tal-MUSEUM bdiet tixxettel mhux ħażin, Malta kienet diġà ppolarizzata sew, u dan kien jinħass ferm fil-Ħamrun fejn iż-żewġ partiti kbar ta' dak iż-żmien kienu jippatronizzaw il-każini tal-baned, xi ħaġa li kienet ukoll tinħass fi bliet u rħula oħra hawn Malta. Fil Ħamrun, post ċentrali u b'popolazzjoni li laħqet "splodiet" għal iktar minn 30,000

ruħ, wieħed kien jistenna li jkun hemm sitwazzjoni iktar qawwija u b'ċerta tensjoni wkoll. Minkejja dan, San Ġorġ Peca kien dejjem jisħaq u jagħmilha ċara lill-membri tal-MUSEUM sabiex bl-ebda mod ma jitkellmu politika, anzi kien jeħodha ħafna kontra l-polarizzazzjoni li kien hemm dakinhar, strateġija li kompla jużaha sal-aħħar nett anke meta ħarġu kwistjonijiet oħra soċjo-politiċi, grazzi wkoll għall-motto tiegħu "Ġid lil kulħadd u deni lil ħadd." L-aħħar aspett, huwa tal-kuntatt personali, veru li dak iż-żmien ma kienx hemm media li hemm illum, imma llum il-ġurnata għandna dak li l-Ingliżi jgħidulu 'options paralysis' b'tant stazzjonijiet, rivisti, gazzetti, internet, eċċ. U dan li barra mill-ġdid hemm tant kitbiet qarrieqa li qed jippruvaw jirrendu l-fidi tagħna bħala "disponibbli" b'tant fehmiet individwalisti, pro-divorzisti, pro-ewtanasja u libertini. Dawn l-isfidi ma kinux jeżistu fi żmien San Ġorġ Preca, imma r-rimedji ta' tagħlim ħalli nsaħħu rwieħna, u li hu tant mexxiehom tajjeb, għadhom jgħodd sal-lum, u anke fil-futur.

Meta wieħed iqis ħidmet San Ġorġ Preca f'dawk iż-żminijiet verament wieħed jista' jħares lejn xogħlu bħala validu anke fi żminijietna, minkejja tant bidliet li seħħew. Wara kollox, il-ħażin, dejjem kien u sa jibqa' sal-aħħar nett tad-dinja, imma fejn kien hemm il-ħażin, kotor it-tajjeb ukoll, u San Ġorġ Preca huwa eżempju li baqa' daqshekk.

# San Ġorġ Preca

*Itlob għalina*

*u żomm dejjem idek fuqna*